MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Numru.

PULIZIJA
SPETTUR PAUL VASSALLO
SPETTUR MARIO BONNICI
SPETTUR NEVILLE XUEREB
VS
DANIEL BORG
OLIVER LAUTIER
STEFFEN THOMAS RIEGER

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Daniel Borg ta’ 18 il-sena bin Mariano u Carol nee Thomas, imwieled tal-Pieta fit-2 ta’ Lulju 1981 u li jirisjedi fil-fond St Joseph, Triq Hab il-Qamh, Manikata limiti tal-Mellieha ID Card Nru 360681M;
Oliver Lautier ta’ 20 sena, bin Oliver u Carmen nee Brincat, inwieled Attard fit-23 ta’ Frar 1980 u li jirrisjedi fil-

fond nru 61, Triq l-Isqof Labini, Birkirkata, ID Card Nru 128680M; u
Steffen Thomas Reiger ta’ 27 sena, bin Eberhard u Karin nee Tramm, imwieled fl-Elenberg, Germanja fl-1 t’Ottubru 1972 u li jirrisjedi fi Flat 4, Churchill Court, Triq Forrest, San Giljan ID Card Germaniza nru 1215091795 talli fl-14 t’April 2000, f’San Giljan, ikkommettew serq ta’ karozza ta’ l-ghamla Maruti, bin-numru DAK 024, ghad-detriment ta’ John Refalo, minn San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-ksur, u bix-xorta tal-haga misruqa.
Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b’nuqqas ta’ thairs ta’ regolamenti ghamlu hsarat fuq Maruti bin-numru DAK 024, ghad-dannu ta’ l-sitess John Refalo, liema hsarat ma jiskorrux il-Lm500.
Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi ghamlu hsarat fuq l-istess Maruti, bin-numru DAK 024 bi ksur tal-arikolu 325.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputati.

Rat il-verbal tal-4 ta’ Jannar 2001 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-10 ta’ Jannar 2002 fejn l-imputati ammettew limitatament ghal furto d’uso.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni b'mod specjali mix-xhieda tal-ispettur Paul Vassallo illi l-pulizija kienet infurmata li kien sehh incident awtomobilistiku  l-Imsida.

PS429 Mark Schembri acceda fuq il-post,sab Maruti hamra nru DAK 024 u osserva zaghzugh hdejn il-karozza li kien l-imputat Lautier.

Mistoqsi x'gara Olivier Lautier tah rakkont pjuttost konfuz u ghaldaqstant is-Surgent issuspetta hazin fl-imputat u arrestah.

Waqt illi kien qed jigi mitkellem mill-pulizija, daqq il-mobile ta' Lautier diversi drabi u beda juri l-isem "Tommy".

Illi l-pulizija taw permess lil Lautier biex jirrispondieh u hu qal lil hbieb tieghu biex jitlaqghu mieghu hdejn KFC il-Gzira. Waslu fuq il-post zewg zaghzagh ohra u dawn gew arrestati.

L-imputati ammettew illi kienu hargu u marru Paceville kienu iddecidew li kienet idea tajba li jmorru ghal "joy ride" go Jeep.  Illi din bdiet l-ewwel bhala cajta, illi fil-fatt l-imputat Daniel Borg innota Jeep fit-triq u gibed l-attenzjoni tal-imputati l-ohra, mar hdejn din il-karozza, gibed il-wire tal-ignition u startja il-karozza.

It-tlett imputati fl-istqarriji taghhom dok PV1 sa 3, ammettew dana kollu.

Illi sussegwentement permezz tal-karozza marru il-ground tal-Luxol, saqu il-karozza Pembroke u kienu sejrin lejn l-Imsida.

L-imputat Borg kien qed jsuq il-vettura. Olivier Lautier kien fuq in-naha ta' wara, bi Steffen Thomas Reiger qieghed fuq il-"passenger seat".

Illi filwaqt illi Daniel Borg kien qed jsuq il-vettura, din il-vettura inqalbet fl-Imsida. Il-Pulizija intralcjaw lil sid il-karozza John Refalo ta' Auto Rentals Limited minn San Giljan, li esebixxa  l-istima tal-hsarat. (dok MR a fol 33).

Illi l-imputati li ddecidew li jixdhu u kollha ikkonfermaw illi dak li ghamlu kienet “prank” u gennata taz-zoghzija. Xehdu illi kien xorbu xi ftit u ddecidew illi jmorru fuq din il-“joy ride”. Illi l-intenzjoni taghhom illi jirritornaw il-karozza wara. Illi gara illi kien illi inqalbu bil-karozza, ippanikkjaw u telqu mix-xena tad-delitt.

Illi huma iddispjacihom hafna ta’ dak li ghamlu, hallsu ghal hsarat kollha li ghamlu lil John Refalo kif jidher mill-ahhar ricevuta dok DB a fol 126.

Illi jirrizulta illi kien Daniel Borg illi kien il-mohh wara din il-gennata, kien hu illi indika il-karozza, kien hu illi startja din il-jeep permezz ta’ wires tal-ignition, kien hu illi kien qed jsuq.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tara kif tista tallaccja htija tat-tieni u t-tielet akkuza fi hdan l-imputati Reiger u Lautier.

Illi ghar-rigward tal-ewwel akkuza jirrizulta b’mod car u dana anke a tempo vergine ghal dak li jirrizulta mill-istqarrija tal-imputati li l-intenzjoni taghhom dejjem kienet biex iwettqu serq ghall-uzu semplici.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat Daniel hati skond l-akkuza b’dana li l-ewwel akkuza ridotta ghal furto d’uso, u wara li rat Art 288, 328 u 325 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena;

Ghar-rigward tal-imputati Lautier u Reiger il-Qorti ssibhom hatja tal-ewwel akkuza ridotta ghal furto d’uso u wara li rat Art 288 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tilliberahom bil-kondizzjoni li jaghmlux reat iehor fi zmien sitt xhur.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

---------------------------------TMIEM---------------------------------